FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Dicembru, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 1368/01JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Fiorino D'Oro Co. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' mija u tnejn liri Maltin tmienja u ghoxrin centezmu (Lm102.28) kwantu ghal tminja u tmenin Lira Maltija w hamsa u disghin centezmu (Lm88.95) Royalty u tlettax-il lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm13.34) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru 010859**

**(Dok "A") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Trattoria Fiorino D'Oro, ghall-perjodu mis-6 ta' Mejju, 2001 sal-5 ta' Mejju, 2002;**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Lulju, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn liri Maltin tmienja u ghoxrin centezmu (Lm102.28) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Mejju, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Lulju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**